MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Numru 899/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**DOMINIC MANGION**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Dominic Mangion ta’ 20 sena, bin Lazzarus maghruf bhala Leslie Mangion u Rita nee’ Degabriele, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Awwissu, 1986 u residenti 66 Flat 3, Triq it-Tramuntana, Valletta. ID No. 351986M gie akkuzat:

Talli fix-xhur ta’ Novembru, 2005, Dicembru, 2005, April, 2006 u fit-2 ta’ Gunju, 2006, f’Birzebbugia, b’diversi atti

maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' diversi makkinarju ta' vetturi mill-impjant maghruf ta' Charlie harbat li jinsab fi Triq Ghar Dalam, Birzebbugia, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa. Akkuzat ukoll talli xjentement xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok WS2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Dominic Mangion, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta' l-imputat u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Dominic Mangion ghall-piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Dominic Mangion jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Dominic Mangion l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------